# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 22 ta' Gunju 2022**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 109/2022 JVC**

**L-Avukat Dottor Alexander Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 373282 (M), ghan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Domenica *sive* Dominica *sive* Monica Bonanno, detentrici tal-passaport Malti bin-numru 0997336**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn l-Avukat Dottor Alexander Schembri, ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Domenica *sive* Dominica *sive* Monica Bonanno kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

I. 'Illi l-esponent Avukat Dottor Alexander Schembri gie debitament awtorizzat sabiex jipprezenta l-proceduri odjerni ghan-nom u in rapprezentanza tal-attrici assenti **Domenica *sive* Dominica *sive* Monica Bonanno**, detentrici tal-passaport Malti bin-numru 0997336, imwielda fl-4 ta' Marzu 1948 gewwa l-Mellieha, Malta, u residenti gewwa 116, Polding Street, Smithfield, NSW 2164, l-Awstralja, bis-sahha ta' prokura specjali tal-14 ta' Dicembru 2021 (**DOK: A**);

II. Illi l-attrici twieldet gewwa l-Mellieha, Malta, nhar l-4 ta' Marzu 1948, liema twelid gie debitament registrat gewwa r-Registru Pubbliku ta' Malta, kif jirrizulta mill-Estratt tal-Att ta' Twelid numru 2332/1948, fejn, fil-kolonna intestata "*Isem it-tifel jew tifla*", gie registrat l-isem "**Domenica**" (**DOK: B1**), u, sussegwentement, fil-kolonna intestata "*Isem il-Wild*", gie registrat l-isem "**Dominica**" (**DOK: B2**);

III. Illi, fl-1971, l-attrici emigrat lejn l-Awstralja, fejn hija baqghet tghix, flimkien mal-familja taghha, sal-gurnata tallum;

IV. Illi, sa minn meta emigrat lejn l-Awstralja kif inghad, l-attrici minn dejjem, u konsistentement sal-gurnata tallum, kienet maghrufha minn kulhadd, inkluz familjari u hbieb, bl-isem ta' "**Monica**" u mhux bl-isem "**Domenica**" jew "**Dominica**";

V. Illi s-suespost jirrizulta minn diversi dokumenti ufficjali, fosthom:

a) Mill-licenzja tas-sewqan Awstraljana tal-attrici, fejn hija indikata bl-isem "**Monica**" (**DOK: C**);

b) Mill-*health card* Awstraljana tal-attrici, fejn hija indikata bl-isem "**Monica**", (**DOK: D**);

c) Mic-certifikat tat-twelid ta' bint l-attrici Alison Paic nee' Bonanno tas-26 ta' Lulju 1984, fejn l-attrici hija indikata bl-isem "**Monica**" (**DOK: E**):

d) Mic-certifikat tat-twelid ta' bint l-attrici Melissa Bonanno tal-1 ta' Jannar 1983, fejn l-attrici hija indikata bl-isem "**Monica**" (**DOK: F**);

e) Minn diversi dokumenti ohrajn, fosthom kontijiet tad-dawl u tal-ilma tal-post tar-residenza tal-attrici, li wkoll huma intestati taht l-isem "**Monica**" (**DOK: G**);

VI. Illi s-suespost jirrizulta wkoll mis-segwenti:

a) Affidavit tal-attrici, li fih tikkonferma s-suespost (**DOK: H**);

b) Affidavit ta' bint l-attrici Alison Paic nee' Bonanno, imwielda fis-26 ta' Lulju 1984, li fih hija tikkonferma illi

hija minn dejjem taf lil ommha l-attrici bl-isem “**Monica**” (**DOK: I**);

c) Affidavit ta’ bint l-attrici Melissa Bonanno, imwielda fl-1 ta’ Jannar 1983, li fih hija tikkonferma illi hija minn dejjem taf lil ommha l-attrici bl-isem “**Monica**” (**DOK: J**);

VII. Illi, madanakollu, il-passaport Malti tal-attrici (**DOK: K**) jixhed l-isem “**Dominica**”, u tali inkonsistenza ikkawzat u qed tkompli tikkawza diffikolatjiet prattici fil-hajja ta’ kulljum lill-attrici;

VIII. Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex jigi registrat, fl-Att tat-Twelid taghha, l-isem li hija kienet konsistentement maghrufha bih, ossija “**Monica**”, u dan minflok “**Domenica**” u/jew “**Dominica**”, u dan wara li ssir id-debita korrezzjoni;

IX. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

1. Tordna, skond l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), l-pubblikazzjoni ta’ avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Tordna korrezzjoni fl-Att ta' Twelid numru 2332 tal-1948, billi fil-kolonna intestata "*Isem it-tifel jew tifla*" jithassar l-isem "**Dominica**", u billi fil-kolonna intestata "*Isem il-Wild*" jithassar l-isem "**Dominica**", u, minflok, jigi registrat l-isem "**Monica**";

3. Tordna illi l-isem "**Monica**" jibqa' jigi wzat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, innumerat 2332/1948, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 1', jirriżulta illi hija twieldet il-Mellieħa fl-4 ta' Marzu tas-sena 1948, lil Angelus Buttigieg u lil Carmela wife of the said Angelus Buttigieg, u li ingħatat l-ismijiet

'Dominica, Zarena, Salvina'. Mill-istess att tat-twelid jirriżulta illi kien iddikjarat li 'Dominica' huwa l-isem kif għandha tissejjaħ;

4. Illi mill-premessi tar-rikors ġuramentat promotur, jirriżulta illi fl-1971 ir-rikorrenti emigrat lejn l-Awstralja, u hemmhekk minn dejjem kienet u għadha magħrufa bl-isem Monica. Sabiex tipprova dan, ir-rikorrenti esebiet għadd ta' dokumenti, inkluż ċertifikati tat-twelid ta' uliedha li twieldu fl-Awstralja u dokumenti uffiċjali Awstraljani, bħal-liċenzja tas-sewqan;

5. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

6. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, l-esponent jirrileva illi r-rikorrenti għandha tirregola ruħha, stante illi fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, jidher biss l-isem Dominica u mhux Domenica. In effetti, fil-kolonna intestata "Ismijiet mogħtija" hemm l-ismijiet 'Dominica, Zarena, Salvina' filwaqt li fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ" hemm l-isem 'Dominica'. Għaldaqstant fl-umli fehma tad-Direttur intimat, għandha ssir id-debita korrezzjoni tat-tieni talba attriċi;

7. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, fejn qed jintalab "illi l-isem "Monica" jibqa' jigi wzat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti", qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-

Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

8. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' April 2022 giet sorvolata s-sitt eccezzjoni tad-Direttur intimat billi giet ordnata l-korrezzjoni fit-tieni talba u cioe' illi l-isem 'Domenica' jigi korrett ghal Dominica

Rat li konsegwentement fl-istess verbal d-Direttur intimat irtira s-sitt eccezzjoni;

Rat illi saret id-debita publikazzjoni esebita a fol. 44 tal-process;

Illi minn diversa dokumentazzjoni esebita mar-rikors guramentat fosthom affidavits tal-familjari ta' Dominica sive Monica Bonanno

udokumentazzjonijiet ohra taghha mahruga mill-awtoritajiet Awstraljani, jirrizulta car illi r-rikorrenti hija maghrufa bl-isem ta' Monica u mhux Dominica;

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna korrezzjoni fl-Att ta' Twelid numru 2332 tal-1948, billi fil-kolonna intestata "*Isem it-tifel jew tifla*" jithassar l-isem "**Dominica**", u billi fil-kolonna intestata "*Isem il-Wild*" jithassar l-isem "**Dominica**", u, minflok, jigi registrat l-isem "**Monica**";

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-isem "**Monica**" jibqa' jigi wzat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' Gunju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Gunju 2022**